MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Numru. 605/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Charles Cassar bin Joseph u Maria nee’ Stellini, imwieled fl-24 ta’ Jannar, 1986 u residenti Merhba, Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 5586(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Charles Cassar li gie akkuzat talli nhar it-13.07.2008 ghal- habta ta’ 03:10hrs fix-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex;

1. Bhala operatur tal-licenzja tal-istabbiliment Cseven daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata wara l-11:00pm (23:00) b'tali mod li kienet tinstema' minn barra;
2. daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata wara 11:00p.m. (23:00hrs) minghajr licenzja minghand l-Awtorita' Kompetenti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Billi jirrizulta illi hemm kunflitt fil-provi dwar jekk il-volum tal-muzika kienx jinstema' minn barra stante illi diversi xhieda xehdu illi kien hemm television biss mixghul;

Ghaldasqtant fuq kunflitt ta' provi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------